MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2012

Appell Kriminali Numru. 478/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Liliana Galea**

Il-Qorti:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Liliana Galea talli f'April 2009 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(1) fil-kapacita` taghha ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg taghha, talbet, irceviet, jew accettat ghaliha jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor li ghalih hi ma kellhiex jedd;

(2) fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, fil-kapacita` taghha ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, minhabba l-istat, professjoni jew kariga taghha, kienet saret id-depozitarja ta' sigriet li kien gie fdat lilha, kixfet dan is-sigriet, hlief fil-kazijiet li fihom il-ligi tobbligaha tgharrafhom lill-awtorita` pubblika.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imsemmija Liliana Galea ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Novembru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmija Liliana Galea hajtja tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra taghha u lliberatha minnha, u wara li rat l-Artikoli 18 u 115(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabitha hajta ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkundannatha sitt (6) xhur prigunerija; inoltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 119 tal-Kapitolu 9 ordnat fil-konfront ta' l-appellanti l-interdizzjoni generali perpetwa u ghal dan il-ghan ordnat li a karigu tar-Registratur ta' din il-Qorti, is-sentenza tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern; b'applikazzjoni ta' l-artikolu 23B(2) tal-Kapitolu 9 kkundannat lill-istess Liliana Galea ghall-hlas ta' multa ta' elf euro (€1,000); u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 ta' l-istess Kapitolu 9 ordnat li fi zmien tliet (3) xhur thallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' elf, mitejn u sitta u ghoxrin euro u sebgha u tmenin centezmu (€1,226.87) rapprezentanti spejjez in konnessjoni mal-hatra ta' l-esperti;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Liliana Galea pprezentat fil-21 ta’ Novembru 2011 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellanti billi tikkonfermaha fejn ma sabithiex hatja tat-tieni imputazzjoni u tvarjaha fejn din sabitha hatja ta’ l-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberaha biex b’hekk tigi liberata minn kull imputazzjoni u htija, jew fin-nuqqas tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-appellanti huma fil-qosor: (1) li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin kemm tal-fatti kif ukoll tal-punti tad-dritt; (2) li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, il-piena kienet wahda eccessiva u mhux idoneja.

**6.** Dwar l-ewwel aggravju l-appellanti taghmel is-segwenti sottomissjonijiet fir-rikors ta’ appell taghha:

“Illi qabel xejn l-esponenti tikkontendi li kontrarjament ghall-posizzjoni guridika Taljana, f’Malta ma tezistix in-nozzjoni ta’ *bribery after the fact*. Jinghad li biex jissussisti l-adebit tar-reat kontemplat fl-artikolu 115(a) irid ikun hemm *‘il concorso delle due volonta` del corruttore e del corrotto’*; konsegwentement il-kumpliment li jircievi xi hadd wara li huwa jkun qeda d-doveri tieghu minghajr ebda ftehim in propozitu qatt ma jista’ jikkostitwixxi l-element materjali tad-delitt.

“Illi f’dan ir-rigward l-appellanti taghmel ampja referenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa`) v. David Gatt** deciza fil-11 ta’ Novembru 2011 mill-Qorti ta’ Appell Kriminali per Imhallef Michael Mallia.

“Illi minn ezami ezawrjenti tal-provi bl-ebda mod mhu ser jirrizulta li kien hemm xi ftehim bejn l-appellanti u Saviour Micallef li din kellha tircievi xi hlas minghandu talli tkun qdietu kif kien fid-dmir taghha li taghmel. Ir-rigal li Micallef

ghogbu jaghti lin-neputija tieghu kienet azzjoni unilaterali mehuda wara l-fatt mill-istess Micallef.

“Illi ghalhek anke minhabba f’dan biss l-appellanti jmissha ma nstabitx hatja tal-akkuza dedotta.

“Illi l-ewwel Qorti kkontradiet lilha nnifisha meta giet sabiex tanalizza wiehed mill-erba’ elementi rikjesti *sine qua non* sabiex jissussisti r-reat kontemplat fl-artikolu 115 tal-Kap. 9.

“Illi hawnhekk l-appellanti tirriferixxi ghall-element li l-hlas ikun irid ikun sar in konnessjoni mal-kariga jew impjieg.

“Illi l-ewwel Qorti ccitat lil Mamo hekk: *‘an act which is foreign to the functions of such public officer and which he would have no right to do by virtue of his office will indeed be an act of that officer but will not be an act of his office’*.

“Illi l-Qorti nnifisha affermat illi mid-dokumenti esebiti rrizulta li l-imputata ma kellha l-ebda xoghol assenjat lilha li kien strettament relatat mal-*cash office*.

“Illi ghandu jigi enfasizzat li mill-provi jirrizulta biss li Saviour Micallef dehrlu li kellu jaghti rigal lill-esponenti minhabba l-fatt li kien ihalli d-denunzji maghha u sabiex jevita li joqghod jistenna.

“Illi l-Qorti stess ikkoncediet li dan ma kienx ix-xoghol taghha.

“Illi pero` sabiex tiggustifika s-sejbien ta’ htija l-ewwel Qorti semmiet ukoll il-fatt li l-appellanti kienet taghti informazzjoni lil Saviour Micallef dwar id-denunzji tieghu. Dan l-ezercizzju kien fl-ambitu tax-xoghol tal-appellanti bhala *customer care*. Madanakollu minn imkien ma jirrizulta li r-rigal li nghatalha kien minhabba dan il-fatt.

“Illi l-ewwel Qorti mbaghad tghid li aktar minn hekk hija tal-fehma li Micallef talab kwalunkwe haga ohra mill-imputata minhabba li hija kienet tahdem fid-Dipartiment tal-VAT u dak kollu li ghamlet l-imputata fil-konfront ta’ Micallef kien

kollu attinenti ghall-impjieg taghha mad-Dipartiment tal-VAT.

"Illi din l-asserzjoni tikkontradixxi dak li ccitat hi stess mill-bran tal-Professur Sir Anthony Mamo."

**7.** Jinghad mill-ewwel illi l-appellanti hija korretta meta tghid illi taht is-sistema legali taghna *bribery after the fact* ma jezistix. U din il-kwistjoni ma gietx trattata mill-ewwel Qorti. Bhalma ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. David Gatt** moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta' Novembru 2011, differentement mill-posizzjoni fil-ligi Taljana, taht il-ligi taghna **"sakemm ma jkunx hemm ftehim <u>qabel</u> (enfasi tal-Qorti) il-kommissjoni ta' l-att ma jistax ikun hemm korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku wara li dan ta' l-ahhar ikun qeda d-dover tieghu. Il-Professur Mamo jghallem li *'as Section 114(a) and (b)* (illum 115(a) u (b)) *are worked, it seems that there can be the crime of corruption only where the reward promised or offered is made to the public officer and accepted by him in respect of an act he has yet to do and not also for an act he may have already done.'"***

**8.** Fil-kaz in ezami jirrizulta illi l-ahhar impjieg li kellha l-appellanti kien ta' *senior clerk* fl-*Inspectorate Section* tad-Dipartiment tal-VAT.[1] Jigifieri hija kienet impjegata pubblika. Jirrizulta wkoll *ex admissis*[2] illi f'Novembru 2008 hija rceviet rigal ta' elf euro minghand iz-ziju taghha Saviour Micallef. Fl-istess stqarrija qalet li hi ma ridithomx izda huwa nsista li tehodhom "ghaliex kont naqdieh talli ndahhallu l-karti l-cash office." Jigifieri dan ir-rigal inghata lill-appellanti wara li kienet qdietu. Huwa minnu li mill-ewwel stqarrija ta' l-appellanti jirrizulta illi hija pprezentat xi *returns* lill-*cash office* anke wara. Pero`, biex jissussisti dan ir-reat m'hemmx dubju li jrid ikun hemm ukoll "il concorso delle due volonta` del corruttore e del corrotto". Din il-prova hi kompletament nieqsa. Jista' jkun hemm suspett izda s-suspett mhux prova u l-htija ma tistax tigi

---

[1] Ara xiehda ta' Anthony Zammit a fol. 94 – 95 u d-Dok. AZ1 esebit minnu a fol. 96.
[2] Ara stqarrija taghha ta' l-4 ta' April 2009 (Dok. IC2) a fol. 20.

bazata fuq il-kongetturi. Inoltre l-appellanti fix-xiehda taghha ssostni illi r-rigal li taha zijuha kien amalgamazzjoni ta’ kollox: is-servigi li rrendietlu, il-*birthday* taghha li kien f’Dicembru u l-Milied. Mill-provi fil-fatt minn imkien ma jirrizulta illi dak li setghet ghamlet l-appellanti ghamlitu ghax talbet, irceviet jew accettat rigal. Kull ma jirrizulta mill-provi hu li dak li kienet qed taghmel ghamlitu sabiex taqdi lil zijuha, u dan billi tevitalu l-kjuwijiet u billi zzommu aggornat, meta jitlobha, dwar jekk kellux *returns* neqsin. M’hemmx dubju li l-appellanti, bhala impjegata pubbliku, ma kellhiex dritt taccetta rigal ghal dawn il-prestazzjonijiet, izda hawn m’ghandniex ir-reat ta’ korruzzjoni izda semmai reat differenti li bih ma gietx akkuzata.

**9.** Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-appellanti ghandha wkoll ragun in kwantu ma jidhirx illi gie sodisfacentement pruvat li r-rigal li l-appellanti receviet kien “in konnessjoni ma’ l-impieg taghha”. Kif diga` nghad, l-appellanti fl-istqarrija taghha qalet li Saviour Micallef taha r-rigal ghaliex baqa’ jinsisti li tehodhom “ghaliex kont naqdieh talli ndahhallu l-karti l-*cash office*”. Dan tikkonfermah ukoll fix-xiehda taghha. Mix-xiehda ta’ Joanne Hefney, *director operations* fid-Dipartiment tal-VAT, dan ma kienx jaqa’ fil-mansjonijiet ta’ l-appellanti li x-xoghol taghha ma kienx jinvolvi xoghol fil-*cash office*. Skond il-Professur Sir Anthony Mamo[3], li kien qieghed jitkellem dwar it-tielet element mehtieg biex jissussisti r-reat ta’ korruzzjoni:

**“In the third place it is essential that the acceptance of the remuneration or promise or offer be made by the public officer in connection with his office or employment. The old Italian text said: ‘in occasione suo officio od impiego’. This means that the act in respect of which the reward, etc. is accepted must fall within the functions of the public officer concerned. An act which is foreign to the functions of such public officer and which he would not have the right to do by virtue of his office, will indeed be an act of that officer but not an act of his office. It does not matter,**

[3] Notes on Criminal Law, Vol. II, p. 86 – 87.

**however, whether the act falls directly within the officer's own competence or whether it falls within his delegated functions. What is indispensable is that the act be one which the officer could do in the exercise of his duties. A magistrate, says Carrara, who has not the cognisance of a case, does a very wrong thing if he accepts a reward to recommend the matter to his colleague: in fact he may be guilty of fraud, but he cannot be guilty of the crime of corruption unless he is the secret agent of his colleague (Prog. Parte Spec., Vol. V, para. 2533). Nor is it sufficent that the public officer accepting the reward etc. or the person making the reward may have <u>thought</u> that the act was one within the duties of that officer: it is necessary that the act should be such in the reality of things (Pessina)."**

Jigifieri li ddahhal il-karti l-*cash office* kien *"an act of the officer but not an act of [her] office"*.

**10.** Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha l-appell jimmerita akkoljment.

**11.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellanti mhux hatja tat-tieni imputazzjoni u minnha lliberataha, izda tirrevokaha in kwantu sabitha hatja ta' l-ewwel imputazzjoni u in kwantu kkundannatha sitt (6) xhur prigunerija, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 119 tal-Kapitolu 9 ordnat fil-konfront ta' l-appellanti l-interdizzjoni generali perpetwa u ghal dan il-ghan ordnat li a karigu tar-Registratur ta' din il-Qorti, is-sentenza tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern; b'applikazzjoni ta' l-artikolu 23B(2) tal-Kapitolu 9 kkundannat lill-istess Liliana Galea ghall-hlas ta' multa ta' elf euro (€1,000), u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 ta' l-istess Kapitolu 9 ordnat li fi zmien tliet (3) xhur thallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' elf, mitejn u sitta u ghoxrin euro u sebgha u tmenin centezmu (€1,226.87) rapprezentanti spejjez in konnessjoni mal-hatra ta' l-esperti, u minflok tiddikjaraha mhux hatja ta' l-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberaha u b'hekk tilliberaha wkoll minn kull piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------